*Alexander Bonnici OFM Conv. HED, SThL, PhB.*

# Folklor u Ħajja Soċjali u Nisranija fis-Snin 1703-1704 minn Reġistri ta' Kontijiet tal-Parroċċa ta' Ħad-Dingli

**Minn Reġistri ta' l-Amministrazzjoni**

Dawk li jżommu r-reġistri ta' l-amministrazzjoni ftit jagħtu każ kemm il-kitbiet tagħhom jistgħu jkunu ta' valur għall-istorja. Aktar ma jgħaddi żmien minn fuqhom, jikber iżjed il-valur tagħhom. Naraw il-ħajja tal-poplu u kemm kienu baxxi l-ħlasijiet meta flus fl-idejn ma kienx hawn. Dwar Ħad-Dingli wkoll jeżistu reġistri prezzjużi ta' amministrazzjoni.

Jiena qbadt f'idejja reġistru dwar Ħad-Dingli. Dan hu ta' kontijiet ta' qrib 300 sena ilu. Hu tas-snin 1703-1704. Jinstab fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta (AAM, *Conti*, 113, n.2: Dingli). Sejrin nitkellmu fuq skudi, irbajja (tarì), u ħabbiet (grani). Skud hu madwar 8ċ; irbija hi xi 1ċ5; ħabba hi anqas minn 1m. Skud kien fih 12-il irbija, waqt li rbija kien fiha 20 ħabba.

L-amministrazzjoni tal-parroċċa kienet f'idejn żewġ prokuraturi lajċi. F'dak iż-żmien, dawn kienu Mikiel Spiteri u Teodoru Quattromani. Il-Kappillan kien Dun Ġużepp Mizzi, li kien ħa l-pussess tal-parroċċa fis-6 ta' Jannar 1696, u kellu jibqa' jmexxi 'l-parroċċa sal-ġurnata tal-mewt tiegħu li kienet fl-10 ta' Marzu, 1710.

**Qagħda Soċjali**

Il-ftit nies ta' Ħad-Dingli kienu jsibuha bi tqila biex joħorġu xi darba mir-raħal. Żgur li ma kinux jgħixu fil-miżerja bħal ta' xi postijiet oħrajn. Dak li kienu jkabbru fl-għelieqi u l-ħut li kienu jaqbdu s-sajjieda kienu jipprovdu għajxien suffiċjenti għal dawk li ma kellhom l-ebda lussu f'ħajjithom. L-iskola ma kinux ifittxuha. Ikel minn postijiet oħrajn ma kinux iġibu. Imma l-Kappillan kien iħoss ħafna l-fatt li hu kien imbiegħed wisq miċ-ċentru.

Il-problemi tal-bogħod kienu ħafna għall-parroċċa. In-nies tal-post kienu jaraw xi kaless ġej miġbud minn xi żiemel. Id-dehra tiegħu kienet tfisser li l-Kappillan jew xi ħadd ieħor kien ikollu bżonn jitbiegħed mir-raħal. Aktarx li l-kaless kien jissejjaħ mir-Rabat. Il-kaless kien jidher ta' sikwit fi żmien il-festa ta' Santa Marija. Naqraw li, darba waħda biss, fl-1703, il-Kappillan Mizzi u l-prokuratur tal-knisja kellhom jinżlu sal-Belt għal xi bżonnijiet tal-parroċċa. Il-kirja tal-kaless ġiet tqumilhom 4 irbajja.

**L-Għajnuna min-Nobbli u l-Poplu**

Xi nobbli, speċjalment dawk tal-familja Inguanez, kienu fost il-benefatturi ta' Ħad-Dingli. Imma ġie li kien hemm xi qalb ġeneruża li tat għajnuna sostanzjali mingħajr ma wriet isimha. Fil-knisja, kien hemm kaxxa ta' l-elemożna. Imma, darba waħda, iż-żewġ prokuraturi baqgħu mistagħġba għaliex sabu fiha offerta ta' 100 skud.

F'dak iż-żmien, ħaddiem sempliċi kien irid jaħdem fuq tliet xhur biex forsi

jaqla' 100 skud. Imma l-persuna anonima li tefgħet l-offerta qiegħdet kundizzjoni. Mill-imgħaxijiet li kienu joħorġu minn dik is-somma kien hemm bżonn li b'suffraġju għal ruħha titqaddes il-quddiesa solenni ta' nhar il-festa ta' Santa Marija.

Ismijiet ta' benefatturi oħrajn nafuhom. Il-Kontin Sammut kien iħossu obbligat lejn il-knisja parrokkjali. Għalhekk, hu kien joffri ħafna xemgħa ta' Malta. Marjetta Camilleri, li l-għelieqi tagħha għenuha biex tgħaddiha tajjeb, kienet toffri salma qamħ u xgħir lill-parroċċa. (Salma kienet iġġib 16-il tomna jew 25 libbra Ingliża). Dawn il-prokuraturi kitbu fir-reġistru li, fit-18 ta' Marzu 1681, kien sar kuntratt quddiem in-Nutar Nikola Allegritto li, bil-qawwa tiegħu, ġiet mogħtija biċċa art lill-parroċċa f'Għar Bittija. Minnha, kienu jidħlu xi 5 skudi fis-sena, u b'dawn kienu jitħallsu l-ispejjeż tan-novena tal-Milied.

**Purċissjonijiet, Predikazzjoni u Pastorali**

F'dak iż–żmien, kienet tingħata importanza għall-purċissjoni penitenzjali ta' nhar San Girgor. Kienet titlaq mill-Katidral ta' l-Imdina u, għalkemm b'xi waqfiet, kienet tibqa' sejra saż-Żejtun. Flimkien mal-parroċċi l-oħra, kienet tieħu sehem anki din ta' Ħad-Dingli. Il-prokuratur Spiteri kiteb li, fl-1703, ta offerta ta' 3 skudi lil Bernard Hibeyer talli f'dik il-purċissjoni rafa' s-salib. Lil Pawlu Napolitano u Tumas Galea, hu tahom 4 irbajja talli kantaw il-Litanija tal-Qaddisin waqt dik il-purċissjoni.

Minn dawn il-kontijiet, nafu li l-eżerċizzi tar-Randan kienu b'ħames priedki bħalma huma fi żmienna. Kien jinġieb predikatur wieħed, anki jekk ikun hemm iżjed minn kors wieħed. Il-prokuratur kien iħallas 10 irbajja għal ħames kirjiet ta' kaless biex jitwassal f'Ħad-Dingli l-predikatur ta' l-eżerċizzi. L-istess prokuraturi kienu jagħtu xi offerta anki lill-Kappillan għall-għajxien tiegħu. Fl-1703, huma tawh 2 skudi u 10 ħabbiet.

Il-poplu nisrani kien jagħti l-offerti tiegħu. F'ġabra parrokkjali, persuni li jissejħu 'Devoti' ġabru 3 skudi u 8 irbajja għall-knisja. Imma xi nobbli jew xi għani kien jagħti daqs in-nies kollha tal-parroċċa flimkien. Il-Baruni Inguanez offra 3 skudi u 2 irbajja għad-dawl ta' quddiem Ġesù Sagramentat, waqt li Diegu Muscat ta għall-knisja offerta ta' 3 skudi u 6 irbajja. Fl-istess żmien, Inguanez u Muscat ħallsu għall-ispiża ta' lampier tal-metall, li ġie jqum 6 skudi.

**Festa fil-Knisja**

Purċissjoni b'xi statwa, fil-festa titulari ta' Santa Marija, ma kinitx issir. Id-drawwa f'Malta kienet għadha ma daħlitx. Imma kien jinħass li kienet il-festa tal-patruna tal-parroċċa.

Kienu jsiru xi ġabriet mar-raħal. Ġabra ta' l-1704 tellgħet ftit iżjed minn nofs skud. Imma kien hemm min offra xi serduk jew xi tiġieġa. Tliet tiġiġiet kienu jġibu ftit anqas minn nofs skud.

L-ikbar taħbit tal-Kappillan kien biex isib kalessi daqs kemm kellu bżonn. Kienu jinġiebu dawk li jkantaw u oħrajn li jdoqqu xi vjolin. Kienu jissejħu diversi qassisin u patrijiet biex jagħmlu xi priedki, oħrajn ġew imsejħin biex iqarru. Qassisin u kjerċi kienu jiġu mistiedna għall-funzjonijiet. Kien ikun irid jonfoq xi żewġ irbajja għal kull kaless li jikri. Il-paniġierku kien isir minn xi predikatur magħruf. Fl-1703, sar minn Patri Mawrizju Galea.

Id-dawl fil-knisja kien ikun kollu biż–żejt. F'dak iż–żmien, kienu jintefqu xi 3

irbajja għaż–żejt u 3 irbajja oħra għall-inċens. Il-prokuratur offra skud u 4 irbajja lill-predikatur tal-paniġierku.

**Murtali għal nhar il-Festa**

Forsi ħafna ma jistennewx li, 300 sena ilu, kien ikun hemm in-nar għall-festa ta' Santa Marija ta' Ħad-Dingli. Intefqu skud u 4 irbajja fil-porvli li ntuża għall-murtaletti. Il-Kappillan qabbad lil ċertu Pawlu Xuereb u fdalu f'idejh l-armar tal-knisja għall-festa u l-isparar tal-murtali. Lilu tah 6 irbajja għax-xogħol tiegħu.

Ħafna min-nies ta' Ħad-Dingli, bħalma nsibu f'kull żmien, kienu jgħinu għall-festa. Dawn, mhux biss ma jkunu jridu l-ebda ħlas, imma saħansitra joħorġu minn ġewwa. Il-Kappillan ried ikun ġeneruż ma' dawn il-benefatturi. Għalhekk, inxtara ftit inbid tajjeb mill-Birgu, u tqassam fost in-nies ta' Ħad-Dingli ħalli jifirħu fil-ġurnata tal-festa ta' Santa Marija. L-inbid ġie jqum 7 irbajja. F'dak iż-żmien, in-nisa ma kinux jitħalltu ma' l-irġiel, lanqas fil-knisja. Irġiel kienu joqogħdu fuq naħa u n-nisa fuq naħa oħra. Imma, xogħol fil-Knisja, in-nisa ta' Ħad-Dingli kienu jagħmlu daqs l-irġiel. Għalhekk, lilhom għal rashom, il-Kappillan kien iferraħhom bħala ringrazzjament għal dak li jkunu għamlu fil-festa u matul is-sena. Ir-reġistru jgħidilna sempliċement li ntefqu 3 irbajja għar-rikreazzjoni tan-nisa.

Din il-kitba hi xhieda li f'Ħad-Dingli wkoll ir-rabta mal-knisja kienet tinħass ħafna. Sa minn dak iż–żmien, il-Kappillan, li kemm-il darba kien ikun waħdu, kien iħoss fil-qrib tiegħu lil ħafna li għenuh b'imħabba, b'ġenerożità u b'devozzjoni f'dak kollu li kien tal-knisja parrokkjali.

**Precision Optical**

*Corrective eyewear, sunglasses, contact lenses and accessories*

**Outlets**

Rabat Tel: 452907 Sliema Tel: 311051
Qormi Tel: 491271 St. Julians Tel: 380508
Laboratory Emergency Service San Ġwann: 489824/5

**Precision Optical**

*Corrective eyewear, sunglasses, contact lenses and accessories*

**Outlets**

Rabat Tel: 452907 Sliema Tel: 311051
Qormi Tel: 491271 St. Julians Tel: 380508
Laboratory Emergency Service San Ġwann: 489824/5

*Back to School*

**PAPER BOWS**

*Stationery/Bazaar*

- **B'XEJN** – 20 Covers tal-Pitazzi lill-Membri tal-Kid's Club
- **ROĦS** fuq il-Pitazzi
- **3% DISCOUNT** fuq l-Istationery kollha

**TRIQ F. ŻAMMIT, DINGLI Tel : 451132**